**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 3 ta' Marzu, 2020**

**Talba Nru: 14/2020 PM**

**GM Corporate & Fiduciary Services Ltd (C22760)**

**Vs**

**Beatrice Holdings Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-sbatax (17) ta' Jannar, 2020 illi s-socjeta` konvenuta ghandha tigi dikjarata debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' €2604 rapprezentanti varji servizzi debitament rezi u fatturati lis-socjeta` konvenuta liema ammont baqa' ma thallax minkejja diversi interpellazzjonijiet u konsegwentement tikkundannaha thallas l-istess somma bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali 128/19 tal-24 ta' Jannar, 2019 u l-bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura kontra s-socjeta` konvenuta.

Illi s-socjeta` konvenuta giet debitament ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher hadd ghaliha fis-seduta tat-28 ta' Frar, 2020 u lanqas fis-seduta tal-lum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba u l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-28 ta’ Frar, 2020 u fil-fatt ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Inoltre l-ammont mitlub jirrizulta dovut anke tramite d-dokumenti ezebiti in atti. Tenut kont tal-fatt li z-zewg partijiet huma entitajiet kummercjali hija gustifikata wkoll it-talba ghall-imghaxijiet mid-dati rispettivi ta’ kull fattura kif jirrizultaw minn dokument ‘A’ a fol. 3 tal-process.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma mitluba ta’ elfejn sitt mija u erba’ euros (€2604) rapprezentanti varji servizzi debitament rezi u fatturati lis-socjeta` konvenuta bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali 128/19 tal-24 ta’ Jannar, 2019 u l-imghax legali mid-data ta’ kull fattura rizultanti mill-istatement (dokument ‘A’ a fol. 3 tal-process) kontra s-socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**